Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TMIEN' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2012

**Ħin:** Mill-4.05pm sas-6.55pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello ( 4.18pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Il-Viċi Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet peress li s-Sindku kien għadu ma wasalx minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u s-Seba' laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sitt laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2012 u tas-Seba' Laqgħa ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Lulju. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Vici Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li ssir korrezzjoni fil-minuti tas-Sitt laqgħa tal-kunsill *f'item Nru 2* fl-aħħar tat-tielet paragrafu u għandhom jiżdiedu il-kliem " Dan mhux għax hu kontra attivitajiet bħal dawn iżda għaliex inqabeż il-Kunsill Lokali li huwa l-ogħla awtorita' pubblika f'Ħal Balzan wara l-Gvern Ċentrali". Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier s-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għal dawk in-nies interessati li jieħdu sehem fl-iskema tal-Life Long Learning ser jiftħu nhar t-Tnejn 13 ta' Awwissu 2012.

Il-ġbir ta' ħwejjeġ użati ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Lulju ġewwa Pjazza Bertu Fenech bejn it-8am u l-12pm.

Il-mera biex titwaħħal fi Triq L-Imdina kantuniera ma' Triq San Franħisk ġiet approvata minn Transport Malta.

## 3 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur April-Mejju

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur April – Ġunju 2012 (mehmuz). Preżenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono

Ir-rapport Finanzjarju għat-tlett xhur April – Ġunju 2012 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 4 u 5 Diskussjoni dwar il-Proġett ta' Wied Ħal Balzan iffinanzjat mill-UIF u dwar xogħolijiet ta' asfaltar u pavimentar fi Triq Guzi Bonnici u Triq l-Għerusija.

Is-Sindku beda biex qal li fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kellu f'idejħ l-istima tax-xogħolijiet ta' asfaltar u bankini ġewwa Triq Guzi Bonnici u Triq l-Għerusija li tagħhom huwa inkarigat il-perit tal-Kunsill, Is-Sur Anthony Bezzina kif ukoll il-proġett f'Wied Ħal Balzan ta' pavimentar li tagħħa kien diġa beda l-process fl-2007 mid- ditta MP & DC. Il-Kunsilliera kellhom jiġu għal din il-laqgħa u jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq dan jew jissuġġerixxu xi toroq oħra li jidhrilhom li għandhom isiru.

Huwa qal li l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien ipproponilu li ssir Triq it-Tabib Zammit (in-naħa t'isfel). Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk fuq il-mejda ser tiġi diskussa din it-triq, huwa qed jitlob lill-Kunsill biex jiskuża ruħu minn din il-kamra u ma jiffurmax parti minn din id-diskussjoni għaliex hemmhekk jgħixu l-familjari tiegħu.

Il-Kunsillier Guido Borg saqsa li jekk issir Triq it-Tabib Zammit irridu nidħlu għall-iskema tal-PPP. Is-Sindku wieġeb li fuq il-proġetti msemmija hemm l-istimi u jistgħu jitħallsu mill-Kunsill kif ukoll mill-MEPA. Fuq Triq it-Tabib Zammit kienu saru xi stimi tlett snin ilu u jistgħu jintużaw bħala indikazzjoni biss.

Is-Sindku kien qed jissuġerixxi li jekk naraw li wara jkun tlesta x-xogħol fuq dawn it-tlett proġetti u jkun baqa' l-fondi wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni xi toroq oħra.

Kien hemm diskussjoni sħiħa fuq dan is-suġġett pero' finalment kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera li għandhom isiru dawn it-tlett proġetti proposti u għandu jinħareg tender wieħed f'dan ir-rigward. Il-Kunsill għadda għal vot u approva 'nem con' l-istimi ta' dawn il-proġetti biex jibda l-proċess ta' tendering.

## 6 Korrispondenza

**Ittra Nru 2073/12:** Tlett emails mingħand il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara fuq diversi ilmenti li saru mir-residenti fuq Triq it-Tabib Zammit, Triq Idmejda, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kannizzata, Triq Santu Rokku, Triq Santa Marija u Triq il-Provvidenza.

Fejn hu possibli, dawn l-ilmenti ser jiġu indirizzati mill-Uffiċċju tal-Kunsill u x-xogħol isir mill-aktar fis possibbli.

**Ittra Nru 2072/12**: Ittra mingħand resident fuq il-Bendy Buses li jgħaddu minn fejn San Anton.

L-Ittra ġiet nnutata u ser niġbdu l-attenzjoni tal-Arriva.

**Ittra Nru 2071/12**: Ittra mill-MEUSAC fuq it-tema European Year 2012:*Towards Age-Friendly Environments Awards*. Is-Sindku informa lis-Segretarju biex jikteb lis-Sur Aaron Saliba li huwa Head Physio Therapist ġewwa San Vinċenz De Paule għaliex huwa kien diġa' lesta xi tip ta' rapport fuq din it-tema biex naraw jekk hux interessat.

**Ittra Nru 2070/12**: Ittra mingħand il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex jiġi maħtur Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Nazjonali. Ħa tintbgħat kopja liċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ta' Ħal Balzan kif ukoll każini u Baned għall-interess tagħhom.

**Ittra Nru 2068/12**: Ittra mingħand il-Ministeru tas-Saħħa rigward tindif ta' *culverts* ġewwa il-Wied ta' Ħal Balzan. Ser jitqabbad il-kuntrattur biex inaddaf dawn il-*culverts*.

**Ittra Nru 2063/12**: Ittra mingħand Transport Malta rigward toroq residenzjali ġodda li għadhom ma sarux . Ser jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex ilesti dan ir-rapport.

**Ittra Nru 1995/12**: Ittra mingħand is-Sur Michael Mifsud biex il-bankina ta' quddiem Palazzo Bosio fi Triq Mons FX Zahra titwessa sa 2 metri. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju biex jikteb lura u jinfurmaħ li kull approvazzjoni trid tiġi minn Transport Malta u għalhekk għandu jikkorrispondi ma' Transport Malta u mhux il-Kunsill

## 7 <u>Skemi ta' Pparkjar bil-ħin</u>

Is-Sindku fliemkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Transport Malta fejn kien hemm preżenti d-Direttur Audrey Testaferrata deNoto fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku f'żoni residenzjali bil-ħin, waħda fi Triq it-Tabib Zammit, Triq il-Wied, Triq il-Provvidenza, Triq San Franġisk, Triq il-Kbira (fejn l-iskola), Triq il-Mitħna u Triq it-Tlett Knejjes , kif ukoll applikazzjoni għaż-żona ta' Triq il-Papa Alessandru VII, Triq San Valentin u Triq Sisner.

Kienet laqgħa pożittiva ħafna fejn fil-prinċipju intlaħaq ftiehem biex din l-iskema tiġi implimentata mill-aktar fis possibbli. It-toroq kollha ser ikollhom 50% parking bil-ħin f'żoni residenzjali u 30% f'żoni kummerċjali.

## 8 <u>Kwotazzjoni għax-xiri ta' Printer, Cash Collection Services u Localty Signs għal proġett ERDF</u>

Rigward ix-xiri ta' printer is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet li kienu ta' Compunet għal ammont ta' **€ 244.26**, Klikk Ltd għas-somma ta' **€276** u Scan għas-somma ta' **€ 441.74**. Il-Kunsill għażel l-irħas offerta. ta' Compunet

Għal dak li jirrigwarda is-servizz ta' ġbir ta' flus l-unika żewġ kwotazzjonijiet li ntbgħatu kienu ta' G4S għas-somma ta' **€ 15** inc. VAT kull ġabra u dik ta' JF Security Services għas-somma ta' **€ 27.14** inc. VAT kull ġabra. F'dan il-kaz il-Kunsill ddeċieda li jkompli juża s-servizzi ta' G4S Security Services.

Il-kwotazzjonijiet li ntbgħatu fir rigward tal-Locality Signs ma setax jiġi aġġudikat għar-raġuni li r-rapport ta' evalwazzjoni mill- *Project Administrator* tal-Proġett ERDF kien għadu ma tlestix.

## 9 Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa għaddejja korrispondenza mas-Sur Charles Bonello fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fuq il-problema u s-sitwazzjoni prekarja li tinsab fiha Wied Ħal Balzan fejn ġiet spjegata lilu l-pożizzjoni tal-Kunsill, li bil-fondi allokati lilu kull sena mill-Gvern Ċentrali huwa impossibbli li din it-triq terġa' tinbena mill-bidu u jsir l-asfaltar tagħha. Infurmajnieh ukoll li ma hemm l-ebda diżgwid bejn il-Kunsill u Transport Malta fuq min għandu jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sur Bonello qed isegwi dan il-kaz u qed nistennew xi tip ta' risposta mingħandu.

Is-Sindku ġie avviċinat mill-kuntrattur li ser jibda xogħol fuq il-Proġett Nazzjonali tal-Flood Releif u saqsieh fuq l-art li tinsab ġewwa Wesgħa Profs Aquilina. Is-Sindku infurmah li dik l-art tinsab f'idejn il-Joint Office. F'dan is-sit hemm il-ħsieb li jsir *ventilation shaft* bħala parti mill-proġett.

## 10 Rapport dwar l-Ilmenti

**Ilment Nru.17012053168883**: Suġġeriment biex fi Triq Birbal fejn hemm il-Bus Stop kantuniera ma' Triq Kardinal Cardjin isir Bus Shelter. Ser issir talba lil Transport Malta.

**Ilment Nru.17012087170125**: Talba biex isir *dyl* quddiem dar 60/62 fi Triq Antonio Micallef. Ser issir spezzjoni mill-Viċi Sindku u jara tistax issir din it-talba lil Transport Malta.

**Ilment Nru.170120321710223**: Talba biex fi Triq Robert Mifsud Bonnici li tinsab f' Ħal Lija hemm passaġġ li jgħaqqad ma' Sqaq Triq il-Barriera, Ħal Balzan, jsibu soluzzjoni għal xi ġrieden li qed jidħlu fil-btieħi tan-nies. Saret talba lid-Dipartiment tas-Sanita' li minn naħa tagħhom ħadu l-prekawzjonijiet neċċessarji.

**Ilment Nru.1701201817150**: Talba biex ssir bus stop fi Triq Birbal bejn Papillon Kafetteria u Triq il-Kannizzata. Ser issir talba lil Transport Malta

**Ilment Nru.17012073171769**: Residenta infurmatna li l-bus shelter li hemm fejn il-Corinthia fi Vjal De Paule ma għadiex tintuża u għalhekk għandha tiġi mneħħija. Transport Malta ser tiġi infurmata b'dan biex tittieħed azzjoni.

**Ilment Nru.17012043172333**: Resident jiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn issir rampa fil-bankina fi Triq Idmejda kantuniera ma' Wesgħa Profs Aquilina. Din ir-rampa ser issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 10 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' *Petty Cash*

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-25 ta' Lulju 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 15,720.28

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi skond il-kuntratt mal-perit tal-Kunsill l-istimi li tlestew fuq it-toroq Triq Guze Bonnici, Triq Antonio Micallef u Triq L-Għerusija irid jitħallas il-percentaġġ ta' 0.95% fuq it-tlett toroq imsemmija anke jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel zewġ toroq biss peress li s-servizz xorta ingħata. Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda il-kuntratt li sar mal-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill approva il-ħlas kollu tal-perit.

**11 Affarijiet Oħra**

Il-Viċi Sindku semma biex jitwaħħlu xi tabelli ġewwa Buontempo Estate. Is-Sindku infurmaħ li dik l-area hija art privata u ma jistax jintefqu flus minn fondi pubbliċi. Skond l-Att tal-Kondominju għandu jkun hemm kumitat u jiddeċiedu bejniethom x'għandu jsir u l-flus kif jintefqu.

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill bħala l-persuna inkarigata għall-manutenzjoni tat-toroq li fis-27 u 28 ta' Awwissu 2012 ser isir xogħol estensiv ta' patching tal-ħofor u xogħolijiet oħra fi Triq il-Wied u Triq il-Ferrovija l-Qadima.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 14 ta' Awwissu 2012 fid-9am.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data